# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kathleen Zerafa)**

**vs**

**Donna Camilleri**
**Omissis**

**Illum 08 ta' Marzu, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija:

**Donna Camilleri** ta' 34 sena, bint Victor Camilleri u Concetta xebba Caruana, imwielda Pieta' fil-5 t' Ottubru 1986, residenti fil-fond Blokk 14, Flat 15, Trejqet il-Ward, Santa Lucija u detentrici tal-karta ta' l-identita numru 457586M; u

**Omissis**

Akkuzati talli nhar il-21 ta' Jannar 2021, ghall-habta tal-hamsa u kwart ta' filghaxija (17:15hrs), minn gewwa De Paule Jewellery, Pjazza Antoine De Paule, Paola:-

1. Ikkommettew serq ta’ brazzuletta tad-deheb u/jew oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema ammont ma jeccedix elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta’ Richard Curmi u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli ghixu hajja ta’ ghazz u ta’ vagabundagg.

**Donna Camilleri** waheda akkuzata ukoll talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi:

3. Ghamlet reat iehor waqt li kienet qeghda taht perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza li nghatat lillha mill-Magistrat Dr F. Depasquale LLD, nhar it-30 ta’ Novembru 2018;

4. U aktar talli kisret il-provediment tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mahruga mill-Magistrat Dr C. Farrugia Frendo, nhar l-10 ta’ Mejju 2019;

**Omissis wahdu** akkuzat ukoll talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi:

5. Kiser il-provediment tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mahruga mill-Magistrat Dr D. Clarke LLD, nhar il-11 ta’ Lulju 2018;

6. U aktar talli ghamel reat iehor waqt li kien qieghed taht perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza li inghatat lilu mill-Magistrat Dr F. Depasquale LLD, nhar l-20 ta’ Novembru 2018;

7. U aktar talli ghamel reat iehor waqt li kien qieghed taht perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza li inghatat lilu mill-Magistrat Dr C. Farrugia Frendo LLD, nhar il-11 ta’ Dicembru 2020.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li titratta lill-imputati bhala recedivi ai termini ta’ l-artikoli 49,50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta, meta huma kien gew misjuba hati u kkundannati ghall-reati, b’sentenzi ta’ reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija t’ordna direttiva li tobbliga lill-hatja li jirrestitwixxu lill-parti offiza kull haga minnhom misruqa jew akkwistaw bi qliegh iehor kontra l-ligi jew permezz tar-reat li dwaru jkunu gew misjuba hatja.

Il-Qorti giet finalment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udejnza mizmuma llum l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet it-tratazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata u l-fedina penali refrettarja taghha u min-naha l-ohra l-ammissjoni ta'l-imputata fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 28A, 28B, 261(c), 267 u 338(w) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tikundannaha **tmien (8) xhur prigunerija**. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 l-Qorti qeghda tirrendi ezekuttiva s-sentenza sospiza ta' **tlett (3) xhur prigunerija** mghotija fit-30 ta' Novembru 2018; u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed taghzel li titratta ma'l-imputata ghar-reati li taghhom kienet instabet hatja f'l-10 ta' Mejju 2019 daqs li kieku ghada kif instabet hatja u wara li regghet rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannaha **xahar (1) prigunerija**.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**